servizz pubbliku

# Charter ta' Servizz ta' Kwalità

Data meta magħmul: Settembru 2020
Data aġġornata: Ġunju 2023

In-numru tal-verżjoni: 1.2

Id-dipartiment responsabbli biex jaġġorna dan id-dokument: Id-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi - Aġenzija Żgħażagħ

**Aġenzija Żgħażagħ,**
Triq il-kbira San Ġużepp,
Santa Venera SVR 1013

aġenzija żgħażagħ

# WERREJ


1. Għan 2
2. Min aħna u x'nagħmlu 2
3. Prinċipji gwida 3
4. Klijenti ta' Aġenzija Żgħażagħ 4
5. Impenn tas-servizz 4
6. Kif tista' tikkuntattjana 6
7. Aħna qegħdin għad-dispożizzjoni tiegħek 6
8. Feedback u lmenti 7
9. Impenn għal titjib kontinwu 8
10. Appendiċi 1 9

## 1. GĦAN

Is-servizzi li nipprovdu huma msejsa fuq Charter ta' Servizz ta' Kwalità li jinforma lill-klijenti tagħna dwar il-livell ta' servizz li għandhom jistennew li jirċievu. Dan jirrifletti l-impenn tagħna, kif ukoll dak tas-Servizz Pubbliku ta' Malta, għall-għoti ta' Servizz ta' Eċċellenza billi jħaddan il-Mudell ta' Kwalità tal-4 Pilastri li fuqhom huwa msejjes is-Servizz Pubbliku:

**VUĊI:** Nisimgħu lill-klijenti u ma niddejqux nisimgħu l-kritika għas-servizz li noffru u l-ideat li jkollhom kif intejbu s-servizz għalihom. Naraw l-ideat li l-klijenti jwasslulna u nsaħħu l-iskema ta' ideat li jiġu minn fost l-impjegati;

**DISINN:** Niffurmaw politiki u proċessi li jilħqu l-livelli mixtieqa mill-klijenti;

**PAKKETT:** Servizz f'waqtu, ta' livell u faċli li jilħaq u jintlaħaq;

**KONTABILITÀ:** Il-qofol ta' servizz onest u li jagħti garanzija ta' onestà. Kontabilità tfisser ukoll lealtà lejn il-klijent li jagħmel użu mis-servizz li nagħtu li tissarraf u tkun manifestata f'dawn l-istess prinċipji bażiċi li rridu nħaddmu.

## 2. MIN AĦNA U X'NAGĦMLU

### IL-MISSJONI TAGĦNA

L-għan tal-aġenzija hu li timmaniġġja, timplimenta u tikkordina l-Politika Nazzjonali taż-Żgħażagħ u tippromovi u tissalvagwardja l-interessi taż-żgħażagħ.

L-Aġenzija Żgħażagħ tipprovdi liż-żgħażagħ il-ħin u l-ispazju biex jagħmlu ħbieb, jitgħallmu abilitajiet ġodda b'metodi mhux formali u jiżviluppaw it-talenti tagħhom permezz tas-servizzi reġjonali għaż-żgħażagħ u l-programmi estensivi ta' sapport li jgħinu liż-żgħażagħ ikunu aktar awtonomi u kunfidenti.

## 3. PRINĊIPJI GWIDA

L-operat kollu tagħna jimxi fuq u huwa kommess għall-5 Kriterji ta' Servizz ta' Kwalità:

**AFFIDABILITÀ**: Aħna impenjati li niżguraw li s-servizzi li nipprovdu huma konformi ma' dak imwiegħed. Aħna se nipprovdu informazzjoni preċiża u l-klijent jista' jitlob li tkun bil-miktub. Is-servizzi tagħna huma konsistenti u kommessi għall-ħtiġiet tal-klijenti.

**EMPATIJA:** Aħna impenjati li nipprovdu servizzi li huma mfassla għall-bżonnijiet tal-klijenti tagħna u offruti b'attenzjoni individwali. Aħna se nistinkaw biex nikkomunikaw b'lingwa li hija ħielsa minn lingwaġġ tekniku, u se niżguraw li s-servizzi tagħna jkunu aċċessibbli għal kulħadd.

**ASSIGURAZZJONI:** L-istaff tagħna huwa infurmat u edukat. Aħna impenjati li nipprovdu servizz professjonali li l-klijenti jistgħu jafdaw.

**REAZZJONI:** Aħna nipprovdu s-servizzi tagħna fil-ħin u mingħajr dewmien bla bżonn. Aħna impenjati li nwieġbu għat-talbiet, problemi jew ilmenti tal-klijenti.

**TANĠIBBLI:** L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur fejn is-servizzi tagħna jistgħu jiġu mfittxija b'mod konvenjenti u sigur.

## 4. IL-KLIJENTI TA' AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

Il-klijenti ewlenin tagħna huma żgħażagħ ta' bejn it-13 u t-30 sena residenti f'Malta u Għawdex, li għandhom bżonn servizzi ta' xogħol għaż-żgħażagħ.

## 5. IMPENN TAS-SERVIZZ

Aħna niżguraw li nonoraw b'mod assolut, kull żmien li jieħu s-servizz u li jkun fil-kontroll tagħna. Meta s-servizz mitlub ikun jiddependi fuq dipartimenti jew entitajiet oħra, aħna kommessi li nikkuntattjawhom aħna stess sabiex inti tkun tista' tirċievi tweġiba finali fil-ħin.

| | |
|---|---|
| **KOMUNIKAZZJONI** | Speċifika, dritt għall-punt u mingħajr termini tekniċi. Kull informazzjoni tkun mogħtija kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Korrispondenza li nirċevuha bil-Malti nweġbuha bil-Malti, filwaqt li kull korrispondenza oħra tkun imwieġba bl-Ingliż. |
| **BINJIET** | Aċċess sħiħ għan-nies ta' kull abilità u ċertifikazzjoni regolari tas-sigurtà tal-binjiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti. |
| **TALBA GĦAL INFORMAZZJONI PERMEZZ TAS-SIT ELETTRONIKU/IMEJL/ TELEFOWN/MIDJA SOĊJALI/ POSTA TRADIZZJONALI** | Tweġiba finali fi żmien 3 ijiem tax-xogħol. |
| **TALBA GĦAS-SERVIZZ** | Ġentilment irreferi għall-Appendiċi 1 għal-lista ta' servizzi. |
| **TELEFONATI** | Fil-jiem tax-xogħol, jitwieġbu mat-tielet darba li jdoqq it-telefown. |
| **RIKONOXXIMENT TAL-KOMUNIKAZZJONI** | Fi żmien jum tax-xogħol minn meta tasal it-talba għall-informazzjoni jew applikazzjoni għal servizz. Din tista' ma tingħatax kemm-il darba s-servizz jew informazzjoni jingħataw fl-istess żmien. |
| **APPUNTAMENTI** | Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu pprovduti fi żmien jum tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun sa żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data tat-talba.<br><br>Meta tattendi għall-appuntament mhu se jkollok l-ebda ħin ta' stennija. Se nirrispettaw il-ħin mogħti lilek.Jekk tasal tard, nirriservaw id-dritt li l-appuntament tiegħek jerġa' jiġi skedat għal ħin/data differenti. |

| | |
|---|---|
| **ĦIN FIL-KJU (FEJN APPLIKABBLI)** | Inti tkun milqugħ/a mal-wasla tiegħek u jiġi mistoqsi lilek dwar x'għandek bżonn biex tinqeda. Tittieħed imbagħad għand l-uffiċjal li se jaqdik. Il-ħin fil-kju jkun ta' madwar 10 sa 15-il minuta f'ċirkostanzi normali. |
| **INFORMAZZJONI ONLINE** | L-informazzjoni fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni tagħna tinżamm aġġornata. Jekk għandek aċċess għall-internet, tista' ssib informazzjoni relevanti fuq is-sit elettroniku tagħna:<br><br>**Aġenzija Żgħażagħ:**<br><br>youth.gov.mt<br>https://www.facebook.com/agenzijazghazagh/<br><br>**Youth Information One Stop Shop (YIOSS)**<br>https://www.facebook.com/info.youthmalta/<br><br>**Instagram:**<br>agenzija.zghazagh<br>https://www.instagram.com/agenzija.zghazagh/ |
| **METODI TA' PAGAMENT** | Il-pagamenti jistgħu jsiru permezz ta' ċekkijiet pagabbli lil Aġenzija Żgħażagħ jew permezz ta' trasferiment bankarju bl-użu tad-dettalji kif indikati hawn taħt:<br><br>**Isem tal-Kont:** AGENZIJA ZGHAZAGH<br>**Numru tal-Kont:** 011-150554-001<br>**Isem tal-Bank:** HSBC Bank Malta PLC<br>**Munita:** EUR<br>**Post:** Malta<br>**BIC:** MMEBMTMT<br>**IBAN:** MT76MMEB44118000000011150554001 |

Barra minn hekk, il-ħin li jieħu s-servizz (dan hu l-ħin li jittieħed biex tiġi pproċessata applikazzjoni), il-kriterji tal-eliġibilità, u r-rekwiżiti tal-applikazzjoni li huma deskritti f'Sezzjoni 10 ta' dan id-dokument, għandhom japplikaw.

## 6. KIF TISTA' TIKKUNTATTJANA

Ladarba applikazzjoni jew talba għal informazzjoni tkun magħmula magħna, aħna se nkunu responsabbli biex nevalwawha, insegwuha, filwaqt li nżommuk infurmat biex niżguraw li inti tirċievi tweġiba definittiva.

L-assistenza tagħna tista' takkwistaha permezz tal-mezzi sussegwenti, fil-ħin speċifikat:

**A. L-uffiċċju/i tagħna**
**Malta**
Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1013

**B. Ħinijiet tal-ftuħ**
**Malta**
Xitwa:
08:00-15:00
(mit-Tnejn sal-Ġimgħa)

Sajf: 07:30-12:30
(mit-Tnejn sal-Ġimgħa)

**Ċ. Bit-Telefown**
**Malta**
(356) 2258 6700
(skont il-ħinijiet li jidhru' hawn fuq)

**D. Imejl:**
agenzija.zghazagh@gov.mt

**E. Minn fuq is-sit elettroniku:**
https://youth.gov.mt/

**F. Mobile Apps:** mhux applikabbli

## 7. AĦNA QEGĦDIN GĦAD-DISPOŻIZZJONI TIEGĦEK

Aħna impenjati sabiex ngħinukom tiksbu l-informazzjoni u d-dokumenti neċessarji marbuta mas-servizz relatat.

Aħna niżguraw li inti:

- Tagħtina informazzjoni f'waqtha, sħiħa u eżatta. Meta nirċievu applikazzjoni mhux kompluta, aħna ninfurmawk dwar dak li jkun hemm bżonn aktar u ngħinuk biex iġġib id-dokumenti rekwiżiti, u biex timlihom b'mod korrett;
- Tieħu l-ħin tiegħek biex taqra l-applikazzjoni b'attenzjoni biex tkun tista' tgħinna nagħtu servizz f'waqtu;
- Tipprovdilna feedback biex inkomplu ntejbu s-servizz tagħna. Is-servizz tagħna huwa pprovdut minn tim dedikat u professjonali. Dan ma jfissirx li ma naċċettawx kummenti mingħandek sabiex inkunu nistgħu ntejbu s-servizz tagħna. Tista' tagħmel dan billi tuża l-mezzi kif indikati f'Sezzjoni 8 hawn taħt;
- Tikkomunika magħna b'mod ċar u konċiż bil-Malti jew bl-Ingliż;
- Tittratta l-istaff tagħna bil-korteżija u r-rispett li jixraqlu, kif hu obbligat jittratta lilek.

Fuq is-sit elettroniku tagħna għandek issib kull applikazzjoni li teħtieġ flimkien ma' listi ta' dokumenti li għandek bżonn għal kull applikazzjoni.

## 8. FEEDBACK U LMENTI

Aħna impenjati li noffru Servizz ta' Eċċellenza u nirsistu li nġibu fis-seħħ titjib kontinwu fis-servizz tagħna lilek. Aħna niggarantixxu l-anonimità tiegħek u li l-feedback tiegħek jgħinna ntejbu s-servizzi tagħna.

Jekk taħseb li ħadna xi żball u/jew li l-istaff tagħna ma ġabx ruħu sew, jew li ma takx biżżejjed ħsieb u attenzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattjana.

Feedback u lmenti jistgħu jintbagħtu kif ġej:

**Aġenzija Żgħażagħ**

- Personalment: Lill-Kap tas-Servizzi Korporattivi, Aġenzija Żgħażagħ, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1013
- Bit-telefown: Lill-Kap tas-Servizzi Korporattivi bin-numru (356) 2258 6700
- Bil-posta: Attenzjoni: Kap tas-Servizzi Korporattivi, Aġenzija Żgħażagħ, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1013, u
- Indirizz elettroniku: agenzija.zghazagh@gov.mt
- Rate the Public Service App tista' titniżżel permezz tad-direttorju tal-maltapps jew ibbażata fuq il-web https://publicservice.gov.mt/mt/rtps/Pages/Home.aspx .

**servizz.gov**

- Online: billi taċċessa s-sit elettroniku ta' servizz.gov, u tikklikkja fuq 'Issottometti lment' hawn: https://servizz.gov.mt/en/pages/file-a-complaint/default.aspx
- Bit-telefown: 153

**Meta tagħmel ilment:**

- Ikkwota n-numru ta' referenza li tkun ingħatajt fir-rigward tat-tranżazzjoni li tkun qed tilmenta dwarha;
- Speċifika x'inhi l-problema/każ; u
- Ipprovdi informazzjoni addizzjonali li kapaċi tgħinna nsolvu l-ilment tiegħek.

**Meta nindirizzaw l-ilmenti, aħna:**

- Niggarantixxu l-kunfidenzjalità tiegħek.
- Nirreferu l-każ tiegħek lid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi u nibagħtulek rikonoxximent tal-komunikazzjoni fi żmien jum tax-xogħol.
- Nipprovdulek numru ta' referenza partikolari sabiex tkun tista' tiċċekkja l-istatus tal-ilment tiegħek meta trid.

- Bħala proċedura normali, kull rikonoxximent ta' komunikazzjoni jingħata lill-benefiċjarji fl-istess jum li tkun saret it-talba għal informazzjoni jew li tkun saret l-applikazzjoni għas-servizz.

- Inwettqu investigazzjoni fuq il-problema/każ u nikkonkluduha malajr kemm jista' jkun, imma sa mhux aktar tard minn:
  (i)5 ijiem tax-xogħol (f'każijiet fejn nistgħu nikkonkludu l-każ aħna), jew
  (ii)10 ijiem tax-xogħol (f'każijiet fejn irridu nakkwistaw feedback minn dipartimenti jew entitatjiet oħra),
  minn meta nkunu rċivejna l-ilment u l-informazzjoni rekwiżita kollha.

- Ninfurmawk bil-miktub dwar l-eżitu tal-investigazzjoni tagħna fuq l-ilment tiegħek sa mhux aktar tard minn jumejn tax-xogħol mill-konklużjoni tal-investigazzjoni.

Wara li nkunu għalaqna l-proċess tal-ilment tiegħek, aħna nimpenjaw ruħna biex nieħdu kwalunkwe azzjoni rimedjali fejn applikabbli, kif ukoll azzjoni korrettiva fejn neċessarju biex int ma terġax tesperjenza l-istess sitwazzjoni jew waħda simili.

**DIRETTORAT DWAR KWALITÀ TAS-SERVIZZ FI ĦDAN IL-PEOPLE & STANDARDS DIVISION**

F'ċirkostanzi fejn l-appoġġ mistenni ma jkunx ingħata mill-mezzi indikati hawn fuq, int tista' tibgħat rapport lid-Direttorat dwar Kwalità tas-Servizz fi ħdan il-People & Standards Division b'imejl fuq qualityofservice-opm@gov.mt.

## 9. IMPENN GĦAL TITJIB KONTINWU

Bl-għan ta' Servizz ta' Eċċellenza u titjib kontinwu f'moħħna, dan iċ-Charter ta' Servizz ta' Kwalità se jiġi rivedut skont il-ħtieġa, u tal-anqas darba kull 12-il xahar biex ngħarblu l-prestazzjoni tagħna f'termini tal-istandards imwaqqfa f'dan iċ-Charter, kif ukoll f'dak li jirrigwardja l-mod ta' kif nilħqu l-aspettattivi tiegħek.

Dan il-proċess ta' reviżjoni se jkun ibbażat fuq:

- Politika tal-Gvern
- Data miġbura tal-operat (eż. servizzi offruti, servizzi mogħtija, eċċ.)
- Benchmarking
- Feedback
- Ilmenti
- Stħarriġ
- Assessjar tal-Kwalità tas-Servizz
- Eżerċizzji ta' Mystery Shopping

L-istandards tas-servizz ta' kwalità relattivi għas-servizzi pprovduti se jkunu mmonitorjati u mkejla. Ir-riżultati tar-reviżjoni interna u l-proċessi ta' monitoraġġ se jintużaw bħala bażi biex inkomplu ntejbu s-servizz.

# APPENDIĊI

## 10. APPENDIĊI 1

Aħna se niżguraw li ż-żmien li jieħu s-servizz, sakemm ikun fil-kontroll tagħna, se jiġi rrispettat. Meta s-servizz mitlub ikun jiddependi minn dipartimenti jew entitatjiet oħra, aħna kommessi li nsegwuh aħna stess sabiex inti tirċievi r-risposta finali fil-ħin.

| Servizz | Entità responsabbli | Eliġibbiltà | Dak li huwa rikjest għal fini ta' konformità | Għażliet ta' Applikazzjoni | Żmien stipulat li fih irid jingħata s-Servizz |
|---|---|---|---|---|---|
| Skema A4U (Assistance for You)<br><br>Appoġġ finanzjarju pprovdut lill-organizzazzjonijiet volontarji taż-żgħażagħ biex jibnu l-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tagħhom. | Aġenzija Żgħażagħ | L-Organizzazzjonijiet għandhom:<br>i. Jipprovdu servizz liż-żgħażagħ li għandhom bejn it-13 u t-30 sena.<br>ii. Ikunu rreġistrati uffiċjalment bħala organizzazzjoni volontarja mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji u konformi mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji mid-data tal-applikazzjoni f'konformità ma' L.N 372.<br>iii. Ikunu membri rreġistrati ma' Aġenzija Żgħażagħ.<br>iv. Jissottomettu applikazzjoni elettronika waħda biss għal kull ċentru li minnu topera l-Organizzazzjoni Volontarja.<br>v. Jissottomettu proġetti li għandhom jiġu implimentati bejn l-1 ta' Jannar u t-30 ta' Settembru tas-sena li fiha jkun ingħata l-proġett.<br>vi. Jissottomettu l-informazzjoni kollha meħtieġa meta tkun se timtela l-applikazzjoni elettronika (inkluż l-annessi). | Dokumenti Addizzjonali:<br>i. Pjan ta' attività inkluż is-sena tal-attività li għaliha saret applikazzjoni.<br>ii. Kwalunkwe kwotazzjoni/jiet jew proposti ta' spejjeż.<br>iii. Dikjarazzjoni ffirmata minn rappreżentant legali tal-organizzazzjoni | L-applikazzjonijiet jinsabu online fuq il-portal tal-VO Funding u jiftħu f'nofs Settembru.<br><br>L-applikazzjonijiet jingħalqu fl-aħħar ta' Ottubru.<br><br>Aktar informazzjoni u l-applikazzjoni jinsabu f'dan il-link: https://youth.gov.mt/schemme-for-you-a4u/ | Meta wieħed japplika għal finanzjament, immedjatament se tintbagħat notifika lill-applikant biex tgħarrfu bil-wasla tal-applikazzjoni.<br><br>Ġurnata minn wara l-għeluq tal-applikazzjoni, l-applikant jiġi infurmat dwar il-proċess tal-applikazzjoni u meta huwa mistenni li jirċievi xi tip ta' riżultat rigward l-applikazzjoni li tkun ġiet sottomessa.<br><br>L-applikant jirċievi r-riżultat fi żmien 19-il ġurnata tax-xogħol. |
| Skema BeActive<br><br>Appoġġ finanzjarju pprovdut lill-organizzazzjonijiet volontarji taż-żgħażagħ biex joħolqu proġetti fil-komunità. | Aġenzija Żgħażagħ | L-Organizzazzjonijiet għandhom:<br>i. Jipprovdu servizz liż-żgħażagħ li għandhom bejn it-13 u t-30 sena.<br>i. Ikunu rreġistrati uffiċjalment bħala organizzazzjoni volontarja mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji u konformi mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji mid-data tal-applikazzjoni f'konformità ma' L.N 372.<br>i. Ikunu membri rreġistrati ma' Aġenzija Żgħażagħ.<br>i. Jissottomettu applikazzjoni elettronika waħda biss għal kull ċentru li minnu topera l-Organizzazzjoni Volontarja.<br>i. Jissottomettu proġetti li għandhom jiġu implimentati bejn l-1 ta' Jannar u t-30 ta' Settembru tas-sena li fiha jkun ingħata l-proġett.<br>i. Jissottomettu l-informazzjoni kollha meħtieġa meta tkun se timtela l-applikazzjoni elettronika (inkluż l-annessi). | Dokumenti Addizzjonali:<br>i. Kalendarju tal-proġett li jinkludi s-sena tal-attività li għaliha saret l-applikazzjoni.<br>ii. Kwalunkwe kwotazzjoni/jiet jew proposti ta' spejjeż.<br>iii. Dikjarazzjoni ffirmata minn rappreżentant legali tal-organizzazzjoni. | L-applikazzjonijiet jinstabu online fuq il-portal tal- VO Funding u jiftħu f'nofs Settembru.<br><br>L-applikazzjonijiet jingħalqu fl-aħħar ta' Ottubru.<br><br>Aktar informazzjoni u l-applikazzjoni jinsabu f'dan il-link: https://youth.gov.mt/scheme-beactive/ | Meta wieħed japplika għal finanzjament, immedjatament se tintbagħat notifika lill-applikant biex tgħarrfu bil-wasla tal-applikazzjoni.<br><br>Ġurnata minn wara l-għeluq tal-applikazzjoni, l-applikant jiġi infurmat dwar il-proċess tal-applikazzjoni u meta huwa mistenni li jirċievi xi tip ta' riżultat rigward l-applikazzjoni li tkun ġiet sottomessa.<br><br>L-applikant jirċievi r-riżultat fi żmien 19-il ġurnata tax-xogħol. |

| Servizz | Entità responsabbli | Eliġibbiltà | Dak li huwa rikjest għal fini ta' konformità | Għażliet ta' Applikazzjoni | Żmien stipulat li fih irid jingħata s-Servizz |
|---|---|---|---|---|---|
| **Tagħlim tal-mużika għaż-żgħażagħ fil-każini tal-banda**<br><br>Appoġġ finanzjarju lill-każini tal-banda biex joffru tagħlim mużikali liż-żgħażagħ. | Aġenzija Żgħażagħ | Każini tal-banda li:<br><br>i. Jipprovdu servizz sostenibbli liż-żgħażagħ li għandhom bejn it-13 u t-30 sena.<br>ii. Ikunu rreġistrati uffiċjalment bħala organizzazzjoni volontarja mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji u konformi mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji mid-data tal-applikazzjoni f'konformità ma' L.N 372.<br>iii. Ikunu membri attivi fl-Għaqda Każini tal-Banda f'Malta.<br>iv. Jissottomettu applikazzjoni elettronika waħda biss għal kull ċentru li minnu topera l-Organizzazzjoni Volontarja.<br>v. Jissottomettu proposta waħda minn klabb tal-banda wieħed taħt Skema A u/jew proposta waħda minn diversi klabbs taħt Skema B.<br>vi. Jissottomettu proġetti li għandhom jiġu implimentati bejn l-1 ta' Jannar u t-30 ta' Settembru tas-sena li fiha jkun ingħata l-proġett.<br>vii. Diversi klabbs tal-banda involuti fi kwalunkwe proġett wieħed, għandhom ikunu rreġistrati uffiċjalment bħala Organizzazzjoni Volontarja mal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji u konformi mal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji mid-data tal-applikazzjoni f'konformità ma' L.N. 372.<br>viii. Jissottomettu l-informazzjoni kollha meħtieġa meta tkun se timtela l-applikazzjoni elettronika (inkluż l-annessi). | Dokumenti Addizzjonali:<br><br>i. Kwotazzjonijiet li jikkorrispondu għall-ispejjeż tal-Baġit.<br>ii. Dikjarazzjoni ta' Verifika ta' kollaborazzjoni bejn klabbs tal-baned fir-rigward ta' applikazzjonijiet għal Skema B. | L-applikazzjonijiet jinstabu online fuq il-portal tal-VO Funding u jiftħu f'nofs Settembru. L-applikazzjonijiet jingħalqu fl-aħħar ta' Ottubru.<br><br>Aktar informazzjoni u l-applikazzjoni jinsabu f'dawn il-links:<br><br>**Skema A**<br>https://youth.gov.mt/scheme-tmz/ | Meta wieħed japplika għal finanzjament, immedjatament se tintbagħat notifika lill-applikant biex tgħarrfu bil-wasla tal-applikazzjoni.<br><br>Ġurnata minn wara l-għeluq tal-applikazzjoni, l-applikant jiġi infurmat dwar il-proċess tal-applikazzjoni u meta huwa mistenni li jirċievi xi tip ta' riżultat rigward l-applikazzjoni li tkun ġiet sottomessa.<br><br>L-applikant jirċievi r-riżultat fi żmien 19-il ġurnata tax-xogħol. |
| **Karta Ewropea taż-Żgħażagħ (EYCA)**<br><br>Il-Karta Ewropea taż-Żgħażagħ tippromovi l-mobilità u tagħti d-dritt liż-żgħażagħ għal skontijiet fi stabbilimenti kummerċjali u kulturali, f'pajjiżi differenti. | Aġenzija Żgħażagħ | Żgħażagħ Ewropej ta' bejn it-13 u t-30 sena. | Għall-applikazzjonijiet kollha:<br><br>Meħtieġ ritratt tad-daqs tal-passaport. | Tista' issib l-informazzjoni u l-applikazzjoni online permezz tas-sit servizz.gov:<br><br>https://eyca.mt/the-card/ | 3 ijiem tax-xogħol mill-wasla tal-applikazzjoni. |
| **Reġistrazzjoni tal-Organizzazzjonijiet taż-Żgħażagħ**<br><br>Il-benefiċċji ta' reġistrazzjoni huma li se jagħtu lill-organizzazzjoni jew grupp aċċess għal taħriġ, networking, appoġġ u tixrid ta' informazzjoni. | Aġenzija Żgħażagħ | Organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ li jaħdmu ma' u għaż-żgħażagħ. | Formola tal-applikazzjoni kompluta<br><br>Meħtieġ ritratt tad-daqs tal-passaport | Tista' issib l-informazzjoni u l-applikazzjoni online:<br><br>https://youth.gov.mt/scheme-register | 3 ijiem tax-xogħol biex l-applikazzjoni li tkun iddaħħlet tiġi riveduta u għandha ssir intervista fi żmien jumejn tax-xogħol skont id-disponibbiltà tal-organizzazzjoni li tkun qed tapplika biex tiġi rreġistrata.<br><br>Ir-reġistrazzjoni tal-organizzazzjoni tiġi kkonfermata jum tax-xogħol wara d-data tal-intervista tagħha. |

| Servizz | Entità responsabbli | Eliġibbiltà | Dak li huwa rikjest għal fini ta' konformità | Għażliet ta' Applikazzjoni | Żmien stipulat li fih irid jingħata s-Servizz |
|---|---|---|---|---|---|
| **Youth.Inc**<br><br>Il-Youth.Inc huwa programm annwali fiss, li jibda f'Settembru u jintemm f'Ġunju.<br><br>Il-programm huwa bbażat fuq tagħlim applikat biex jgħin liż-żgħażagħ itejbu l-istandard tal-edukazzjoni tagħhom u jiksbu aktar għarfien, valuri u ħiliet għax-xogħol sabiex ikunu ppreparati għad-dinja tax-xogħol jew jiksbu kwalifiki biex ikomplu b'edukazzjoni ulterjuri u/jew taħriġ. | Aġenzija Żgħażagħ | Żgħażagħ ta' bejn is-16 u l-21 sena li temmew l-edukazzjoni obbligatorja full-time u la qegħdin f'edukazzjoni postsekondarja u lanqas f'impjieg. | Formola tal-applikazzjoni kompluta. | L-applikazzjonijiet jinfetħu f'Jannar u jagħlqu f'Settembru.<br><br>L-informazzjoni u l-applikazzjoni jinsabu online:<br><br>https://youth.gov.mt/youth-inc-2/<br><br>Is-servizz fir-rigward ta' din l-applikazzjoni jingħata wkoll wiċċ imb wiċċ fl-Aġenzija Żgħażagħ. | L-applikanti eliġibbli kollha huma msejħa għal assessjar li jevalwa l-adekwatezza tal-applikant għall-programm, fi żmien 3 ijiem tax-xogħol.<br><br>L-applikant ikun infurmat jekk ġiex aċċettat ġurnata wara l-evalwazzjoni. |
| **Applikazzjoni għall-użu ta' tagħmir mill-Aġenzija Żgħażagħ**<br><br>L-iskema ta' self ta' tagħmir hija servizz bla ħlas u s-somma sħiħa tad-depożitu tingħata lura biex nassistu l-organizzazzjonijiet iwettqu l-attivitajiet tagħhom. | Aġenzija Żgħażagħ | Organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' profitt irreġistrati ma' Aġenzija Żgħażagħ. | Formola tal-applikazzjoni mimlija u depożitu ta' flus mal-ġbir tat-tagħmir. | Għand Aġenzija Żgħażagħ wiċċ imb wiċċ jew online permezz tal-formola tal-użu tat-tagħmir:<br><br>https://youth.gov.mt/scheme-equipment/ | 3 ijiem tax-xogħol mill-wasla tal-applikazzjoni. |
| **Youth Cafes fl-Imsida u fil-Birgu;<br>Youth Hubs f-istituzzjonijiet ogħla.** | Aġenzija Żgħażagħ | Youth Cafes għaż-Żgħażagħ ta' bejn it-13 u l-20 sena.<br><br>Youth Hubs għaż-Żgħażagħ ta' bejn is-16 u t-18-il sena li jattendu istituzzjonijiet sekondarji ogħla. | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli għax dawn huma ċentri ta' waqfien | Immedjatament |
| **Ċentri għaż-Żgħażagħ f'Ħad-Dingli u Marsaxlokk** | Aġenzija Żgħażagħ | Organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ | Depożitu tal-flus ladarba l-ibbukkjar ikun ikkonfermat permezz ta' imejl. | Wieħed jista' jagħmel użu miċ-ċentru tal-attività taż-żgħażagħ billi jibgħat ittra elettronika bid-dati li l-organizzazzjoni taż-żgħażagħ tixtieq tagħmel użu miċ-ċentru.<br><br>Iktar informazzjoni fuq:<br>https://youth.gov.mt/scheme-yac/ | 3 ijiem tax-xogħol mill-wasla tal-ittra elettronika. |